MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 35/2014

**Edward Cernigliaro**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Edward Cernigliaro** ipprezentat fit-2 ta' April 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-applikazzjoni tal-esponenti ghal-licenzja ta' gwardjan privat giet rifjutata mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-interess pubbliku minhabba xi sentenzi li kellu fil-passat.*

*Illi l-esponenti gie nfurmat b'dan ir-rifjut permezz ta' ittra datata 11 ta' Marzu 2014 mill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija (Dok A).*

*Illi l-esponent ma jaqbilx ma' tali decizjoni ghax hija minghajr bazi serja.*

*Illi l-interess pubbliku ma jistax jintuza biex kull min zbalja fil-passat meta kien zghir, jibqa' ttimbrat b'mod li ma jinghatax cans iehor biex juri li hu cittadin denju tas-socjeta'.*

*Illi l-esponent jammetti li zbalja meta kien ghadu izghar izda hu rriforma u issa hu cittadin ezemplari kif juri s-segwenti certifikati u korsijiet segwiti.*

*Illi l-esponent ghamel diversi testijiet u ghandu diversi certifikati fosthom "Certificate of Professional Competence" mahrug minn Transport Malta (Dok B), kors ta' "Customer Care" organizzat mill-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u t-Tahrig (Dok C) u certifikat wara kors ta' licenzjar tal-gwardjani privati organizzat mill-Fondazzjoni Reggie Miller (Dok D).*

*Illi l-esponenti gie wkoll licenzjat minn Transport Malta bhala sewwieq fejn ir-responsabbilta` tal-passiggieri hija kbira u hawnhekk ma nstabitx reguni li ma jinghatax tali licenzja (Dok E).*

*Illi l-esponent bhala "ETC Community Worker" fil-Kullegg San Nikola, Dingli, wera u qed juri l-impenn tieghu bhala haddiem biezel u li jaghmel iktar minn dak mistenni minnu kif konfermat minn Dok F iffirmat mill-Kap tal-Iskola Paul Galea.*

*Illi l-esponent lest li jikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu.*

*Illi dan kollu juri li s-socjeta' ghandha tkun kburija b'dak li rnexxielu jaghmel l-esponent u s-socjeta' ghandha tassistieh u tinkoraggieh u mhux taghtih kundanna ghal dak li ghamel meta kien izghar.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tannulla d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn l-applikazzjoni tieghu ghal-licenzja ta' gwardjan privat giet rifjutata u tordna lill-istess Kummissarju tal-Pulizija johrog lill-esponenti l-imsemmija licenzja u dan ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Ra r-risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija** ipprezentata fil-25 ta' April, 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *ILLI għal kull buon fini jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat bir-rikors fit-8 ta' April 2014 iżda għada ma saret l-ebda notifika ta' dan ir-rikors lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-**subartikolu 3 ta`** l-**Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta** u għalhekk it-terminu ta` għoxrin jum skond dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

2. *ILLI preliminarjament jingħad illi fir-rikors promotur m'hemm l-ebda lista tax-xhieda indikata skond kif mitlub ai termini tal-**artikolu 15 (2)(d) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva - [Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta]** u għalhekk l-esponent jitlob li tiġi indikata lista tax-xhieda li ser jinġiebu mir-rikorrent fil-kawża odjerna;*

3. *ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent ai termini tal-artikolu 10 (b) tal-Kap 389, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors;*

4. *ILLI fejn l-esponent jirrileva li l-interess pubbliku ma jistax jintuza biex kulmin zbalja fil-passat, meta kien zghir, jibqa' ttimbrat b'mod li ma jinghatax cans iehor biex juri li hu cittadin denju tas-socjeta', jingħad illi ma jfissirx illi għax ma jistax jingħata liċenzja ta' gwardjan privat ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser* ***<u>biss</u>*** *illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat propju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk s-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponenti. Għalhekk l-esponenti qiegħed jiċħad dawn l-allegazzjonijiet fiergħa fl-intier tagħhom;*

5. *ILLI inoltre ma jistax jitqies li mhux fl-interess pubbliku li tiġi rifjutata tali liċenzja meta ir-rikorrent instab akkuzat ghal diversi reati kif hemm imnizzel fil-fedina penali tieghu u wisq anqas meta kiser kundizzjonijiet imposti minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta;*

6. *ILLI dak kollu li intqal fir-rikors promotur fir-rigward tac-certifikati huwa irrilevanti ghall-kaz odjern. Inoltre imbilli r-rikorrenti gie licenzjat minn Transport Malta bhala sewwieq dan ma jistax jigi ikkumparat bl-istess mod mal-licenzja ta' gwardjan privat ghas-semplici raguni li din il-kariga tirrikjedi responabilta ikbar.*

7. *ILLI għalhekk l-esponent Kummissarju tal-Pulizija ħass illi persuna li kellha dak it-tip ta` offizi fil-fedina penali tagħha, ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan privat. Il-Kummissarju, wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu. Minħabba dan, gwardjan privat irid ikun persuna affidabbli u ta' karattru sod. Persuna akkuzata bil-lista ta' reati li kien akkuzat bihom ir-rikorrent zgur ma tistax titqies tali;*

8. *ILLI għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament li kellu jirrifjuta l-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat ai termini tal-**Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-verbal tat-12 ta' Gunju 2014 fejn Dr. Ariana Falzon ghall-Kummissarju intimat irtirat l-ewwel eccezzjoni u rrinunzjat ghat-tieni eccezzjoni;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent,[1] ta' Romina Borg,[2] ta' Paul Galea,[3] ta' l-Ispettur Carol Fabri,[4] u tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi;[5]

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrentiipprezentata fl-10 ta' Ottubru 2014;

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-Kummissarju intimat datata 23 ta' Ottubru 2014;

---

[1] A fol. 20A sa 20C u 37 sa 40
[2] A fol. 20 D sa 20E
[3] A fol. 33 sa 35
[4] A fol. 36
[5] A fol. 44A sa 44F

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**IKKUNSIDRA:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 11 ta' Marzu 2014 li rrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghal licenzja ta' gwardjan privat. Illi r-raguni moghtija mill-istess Kummissarju intimat kienet li mhux fl-interess pubbliku li tinhareg tali licenzja minhabba sentenzi li nghataw fil-konfront tar-rikorrent.

Illi mix-xhieda prodotta, senjatament ix-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi, jirrizulta li l-Kummissarju intimat irrifjuta l-hrug tal-licenzja *de quo* in vista tas-segwenti sentenzi kriminali u cioe:-

1. Sentenza tad-29 ta' Jannar 2003 fejn ir-rikorrent kien gie misjub hati tar-reat ta' ricettazzjoni ta' mutur ghal-liema reat ir-rikorrent, fuq ammissjoni, gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.[6]
2. Sentenza tal-1 ta' Marzu 2004 fejn ir-rikorrent kien gie akkuzat bis-segwenti akkuzi:
   i. Bi vjolenza jew b'theddid gieghel lil ufficjali tal-Pulizija ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;
   ii. Saq karozza minghajr licenzja u minghajr assigurazzjoni;
   iii. Saq vettura b'manjiera traskurata u perikoluza;
   iv. Iddenunzja lill-Pulizija reat li kien jaf li ma sarx, inkella b'qerq holoq tracci tar-reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
   v. Talli kiser kundizzjoni tas-sentenza tad-29 ta' Jannar 2003.

[6] Dok KP1 a fol. 46

Il-Qorti f'dan il-kaz, fuq ammissjoni, tenut kont tac-cirkostanzi, nizlet taht il-minimu u kkundannat lir-rikorrent ghall-hlas ta' multa ta' seba' mija u hamsin lira maltin (Lm750).[7]

3. Sentenza tad-9 ta' Marzu 2006 fejn ir-rikorrent gie misjub hati ta' serq ta' mobile phone fejn il-Qorti wkoll nizlet taht il-minimu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.[8]

Illi mill-2005 'l hawn ma jirrizultax li r-rikorrent qatt rega' tressaq quddiem dawn il-Qrati. Anzi jirrizulta illi huwa pprova jibda pagna gdida f'hajtu tant li ghamel diversi korsijiet sabiex ikun f'posizzjoni li jsib impjieg u prezentement qieghed jahdem bhala purtinar gol-iskola Primarja ta' Had-Dingli. Dan ix-xoghol jaghmel parti minn skema tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li tippermetti li min ikun qieghed jirregistra jaghmel ukoll xoghol fil-komunita`. Ir-rikorrent jispjega li fil-passat huwa kellu s-sengha ta' sajjied. Oht ir-rikorrent, Romina Borg, spjegat li r-rikorrent kien jahdem bhala sajjied ma' missierha u zewgha u li pero` x-xoghol tas-sajd kellu jieqaf minhabba nuqqas ta' xoghol. Jirrizulta wkoll illi fl-2011 ir-rikorrent xtara post u wkoll ha self minghand Bank lokali kummercjali biex jiffinanzja l-istess xiri.[9]

Illi r-rikorrent ipproduca bhala xhud lis-Surmast tal-Iskola primarja ta' Had-Dingli fejn ta stampa mill-iktar sabiha tar-rikorrent f'dak li ghandu x'jaqsam xoghol u relazzjonijiet tajba mal-istaff tal-istess skola.

Illi min-naha l-ohra l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi, in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat, sahqet illi l-istess Kummissarju ghandu d-dmir li jara li l-ebda persuna ma tagixxi hazin kontra s-socjeta` u ghalhekk meta jkollhom kazi bhal dawn jigi evalwat l-agir ta' kull applikant u jaraw jekk hux ta' karattru affidabbli jew le. F'dan il-kaz partikolari, il-Kummissarju qies li x-xorta tar-reati li nstab hati taghhom ir-rikorrent juru li ma hux ta' karattru affidabbli u ghalhekk ma kienx fl-interess pubbliku li tinhareg il-licenzja.

[7] Dok KP2 a fol. 47 et seq.
[8] Dok KP3 a fol. 51 et seq.
[9] Ara Dok EC2 a fol. 22 et seq

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita`, fil-ftit zmien li damu ghaddejjin dawn il-proceduri, li jevalwa l-komportament tar-rikorrent u l-mod kif huwa xehed quddiem l-istess Tribunal. Kellu wkoll l-opportunita` li jevalwa l-provi mressqa minnu. Illi minn dak li ra t-Tribunal, illum il-gurnata r-rikorrent jidher li huwa bniedem li qieghed jistinka biex isib impjieg fiss, biex ihallas loan li ghandu fuq proprjeta` li xtara u li wkoll huwa fi grad li jissocjalizza anke fuq bazi internazzjonali.

Illi dan it-Tribunal, fil-prezent, ma jista' jirraviza l-ebda cirkostanza ghaliex il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jqis lir-rikorrenti bhala persuna li ma tistghax tafdaha fil-qadi ta' dmirijiet ta' gwardjan privat. Huwa veru li r-rikorrenti, f'eta` ferm izghar u cioe meta kellu minn tmintax sa wiehed u ghoxrin sena, kien ikkommetta ir-reati elenkati aktar 'il fuq, pero` t-Tribunal ihoss li ghadda bizzejjed zmien biex ir-rikorrent jinghata cans, wara dan iz-zmien kollu, "to prove himself". Illi r-rikorrent jidher determinat li jrid imexxi hajtu 'l quddiem, filwaqt li gharaf li dak li ghamel fil-passat kien zbaljat. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat ma setghax jieqaf biss fuq is-sentenzi pronunzjati fil-konfront tar-rikorrent biex jifforma d-decizjoni tieghu ghar-rifjut tal-applikazzjoni de quo. Kieku kien rifjut abbazi tal-artikolu 10 (a) kien ikun mod iehor ghax dawk ir-reati kristallizzati fl-istess sub-artikolu jaghmluha tassattiva fuq min qieghed jiddeciedi li ghandu jirrifjuta tali applikazzjoni, dejjem jekk ikun hemm **dikjarazzjoni ta' htija** in linea ma dak pronunzjat minn dan it-Tribunal, anke kif diversament presjedut, f'diversi sentenzi.

Illi t-Tribunal jifhem ir-responsabbilita` kbira li l-Kummissarju intimat ghandu fil-hrug ta' licenzja ta' gwardjan privat meta wiehed iqis in-natura tad-dmirijiet tal-istess gwardjani, pero` f'dan il-kaz ma jarax, in vista ta' dak rilevat iktar 'il fuq, li l-istess Kummissarju kien gustifikat li jichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-istess licenzja ai termini tal-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bhal mizien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-ohra hemm id-dritt li persuna tigi koncessa lilha l-licenzja in kwistjoni. Biex wiehed isib bilanc jista'

jkun ezercizzju difficli u delikat. Hafna drabi, kazijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal ghaliex proprju il-keffa tal-interess pubbliku tinghata aktar piz mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-licenzja in kwistjoni u l-ezercizzju li dan it-Tribunal irid jaghmel huwa li jara jekk dak il-piz li naghata lill-interess pubbliku kienx wiehed gustifikat fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Madankollu, it-Tribunal irid jissottolinea li ma jirrizultalux li l-Kummissarju intimat f'dan il-kaz agixxa b'*mala fede* fil-konfront tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-Rikorrent, jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent bl-ittra tal-11 ta' Marzu 2014 u jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex fid-dawl ta' dak kollu osservat f'din is-sentenza jerga' jikkonsidra mill-gdid l-applikazzjoni tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------